MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 120/2011/1

Vodafone Malta Limited

Vs.

Joanne Brown

It-Tribunal;

Ra' l-Avviz li permezz tieghu l-kumpanija attrici tablet illi tithallas minn ghand il-konvenuta is-somma ta' elf mija u tlieta u sittin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1163.29) dovut skont ftehim aiffirmat bejn il-partijiet anness document 'A'. Dan bl-imghax, u bl-ispejjes nkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment mal-avviz. U bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Ra' id-digriet tieghu tal-15 ta' Dicembru 2011 fejn wara li din il-kawza kienet giet prezentata quddiem it-Tribunal fis-

sede tieghu ta’ Malta, gie ordnat illi din il-kawza tkompli tinstema fis-sede tieghu ta’ Ghawdex.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu.

Ra’ l-bqija ta’ l-atti kollha, inkluz ir-riferti negattivi tal-konvenuta.

Ra d-digriet tieghu tas-26 ta’ Settembru 2012 li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza, in difett ta’ ostakolu ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:-

Illi jidher illi l-kumpanija attrici ftit li xejn uriet interess f’din il-kawza.

Minkejja li il-kawza ilha prezentata minn l-1 ta’ Frar 2011, il-konvenuta baqghet mhix notifikata u l-kumpanija attrici ma ghamlitx xi sforzi kbar biex tinnotifikha. Qatt ma procediet biex tinnotifika lill-konvenuta bil-pubblikazzjoni u affissjoni, minkejja li giet awtorizzata taghmel dan; lanqas qatt ma segwiet id-digriet ta’ dan it-Tribunal biex jigi nominat kuratur deputat, wara li gie stabbilit li l-konvenuta kienet qed tghix fl-esteru, u minkejja li kellha zmien ampju biex taghmel dan. Fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2012 l-avukat tal-kumpanja attrici nfurmat lid-deputat li kien fi hsiebha icedi din il-kawza, izda madankollu ma sar xejn minn dan minkejja li kellha aktar minn xaharejn biex taghmel dan.

Fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2012 ma deher hadd. L-istess gara fis-sedut tas-26 ta’ Settembru 2012. F’dawn iz-zewg seduti lanqas intalab xi differiment. F’cirkostanzi bhal dawn, fejn intwera nuqqas ta’ interess car f’din il-kawza, u fejn ghal darbtejn in fila la deher hadd ghas-socjeta attrici u l-anqas deher l-avukat taghha, it-Tribunal jidirlhu illi ghandu japplika d-dispost ta’ l-artiolu 13 (a) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta. Anzi frankament josserva illi dan huwa kaz klassiku li ghalieh ghandu japplika dak l-artikolu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 13 (a) tal-Kap 380 tal-

Ligijiet ta’ Malta jichad it-talbiet tal-kumpanija attrici bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------